MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2003

Edgar Grech
vs
Direttur, Dipartiment tax-Xogholijiet tal-Gvern

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1988 u l-1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet li kien jikkwalifika ghalihom.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent ilu jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet ghal madwar 18-il sena.

Meta fl-1988 u fl-1992 kienu hargu c-cirkularijiet numru 123/88 u 39/92 rispettivament, ir-rikorrent kien applika

ghall-promozzjoni ghall-grad ta’ Chargehand jew Works Technical Officer. Bhal ma kien diga gara f’okkazzjonijiet ohra, ir-rikorrent ma nghata l-ebda wahda minn dawn il-promozzjonijiet u f’okkazjonijiet minnhom, huwa gie sahansitra maqbuz minn apprentisti illi kienu gew mghallma mill-istess rikorrent.

Minhabba din l-ingustizzja, ir-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa gie mcahhad minn promozzjonijiet li kien intitolat ghalihom.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjonijiet li haqqu b’effett minn meta kien intitolat li jiehu dawn il-promozzjonijiet li haqqu b’effett minn meta kien intitolat li jiehu dawn il-promozzjonijiet u li jithallas l-arretrati tal-paga minn dik id-data jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.
Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie impjegat bhala Labourer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b’effett mit-2 ta’ April 1979. Hu sar Blacksmith fid-9 ta’ Jannar 1981. Permezz tar-riforma li giet fis-sehh fl-1 ta’ Jannar 1991 ir-rikorrent gie assimilat bhala Senior Tradesman u ghadu jgawdi din il-kariga sal-lum.

Illi skond id-dokumentazzjoni li jippossjedi d-Dipartiment jirrizulta li r-rikorrent applika ghall-zewg sejhiet partikolari kif segwenti:

Sejha Numru 123/88 datata 10 ta’ Novembru 1988

din is-sejha kienet imqassma f’erba kategoriji u t-total ta’ 205 kien maqsum kif spjegat:

| | |
|---|---|
| Carpentry/Workshop | 43 |
| Electrical & Plumbing | 40 |
| Transport Plant Operations | 37 |
| Maintenance & Repair of Plant & Equipment | 104 |

Fosthom 16-il applikant applikaw ghall-aktar minn kategorija wahda.
Illi r-rikorrent inghata n-numru 104 bhala numru ta’ referenza. Hu applika ghall-kategorija ta’ Maintenance and Repair of Plant & Equipment. Sussegwentement ir-rikorrent gab dawn il-marki:

| | |
|---|---|
| Qualifications | 4 |
| Trade Experience | 10 |
| Trade Knowledge | 15 |
| Departmental Knowledge | 4 |
| Personality Leadership | 10 |
| **TOTAL** | **43** |

Abbazi r-rikorrent ma rnexxielux jilhaq il-marka pristabbilita mill-Bord u ghaldaqstant ma giex ikkonsidrat ghall-promozzjoni.

Illi fost l-ewwel 31 applikant li gew mahtura, 19 kienu jappartjenu ghall-kategorija msemmija, jigifieri dawk li gabu 54 marka jew aktar u mit-tieni kompliment li kien jikkonsisti minn 10 gew mahutra 4 ohra, voldieri dawk li gabu 50 marka jew aktar.

Illi l-Bord ta’ Selezzjoni ma ghamel ebda distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita a skapitu tar-rikorrent.

Sejha Numru 38/92 datata 6 ta' Mejju 1992.

Illi r-rikorrent applika ghal din is-sejha izda din kienet giet mizmuma u eventwalment ikkancellata minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent li kkonferma l-kontenut tar-rikors u semma li dahal fid-Dipartiment tax-Xogholijiet fl-1979 u sar blacksmith fl-1981, u fl-1991 sar senior tradesman. Qal li fl-1988 u fl-1992 applika ghall-grad ta' Chargehand. Ipprezenta dokumenti li juru li kellu certifikat tas-servizz, certifikat fil-welding, certifikat fix-sheet metal u panel beating. Qal li hu qed jilmenta mill-marki li ottjena meta applika ghal Chargehand fl-1988. Semma lil certu Cacciattolo li kien welder/burner mieghu u kien ha l-promozzjoni meta hu ma hadhiex. Zied ighid li hu hadem f'diversi progetti tar-reverse osmosis, progett tar-riciklagg ta' Wied il-Ghajn, kif ukoll fil-Kalaxlokk.

Xehed Dennis Cacciattolo Chargehand mad-Dipartiment tax-Xogholijiet fis-sezzjoni tal-MSD il-Marsa. Qal li meta dahal welder/burner kien dejjem mar-rikorrent u li kemm ilu mad-Dipartiment kien mieghu. Lahaq Chargehand permezz ta' intervista u sejha ghall-applikazzjoni.

Xehed Manuel Cortis bhala rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xogholijiet li kkonferma r-risposta tad-Dipartiment u li qal li l-membri tal-Bord ghas-sejha ghall-applikazzjoni 123/88 ghal chargehand kienu Lawrence Borg, David

Zerafa, u James Portelli. Il-call for applications tal-1992 giet mizmuma u dan mhux din biss izda l-calls for applications tac-Civil kollha minhabba li kienet giet fis-sehh ir-riforma u baqghu ma sarux l-interviews.

Xehed David Zerafa Works Manager mal-Works Division li qal li jiftakar li darba kien membru fil-bord tal-intervisti, li saru ghall-grad ta' Cahrgehand. Qal li c-Chairman tal-Bord dak iz-zmien kien il-Perit Martin Farrugia. Qal li hu kien il-persuna mahtura responsabbli ghall-interview u qal li kien hemm interview biss u mhux ezami. Zied jghid li kien hemm il-kriterji approvati mill-P.S.C. u qal li taw il-marki bazikament fuq dak li jinghad waqt l-interview mill-kandidati li kienu madwar mitejn ruh.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent jilmenta mill-fatt li ma nghatax il-grad ta' Chargehand jew Works Technical Officer. Hu jilmenta minn nuqqas ta' promozzjonijiet tal-1988 (cirkolari 123/88) u tal-1992 (cirkolari 39/92). Dwar il-promozzjoni tal-19982 jirrizulta li s-sejha giet mizmuma u eventwalment kancellata minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku. Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza fl-ismijiet "Alfred Zammit vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici" deciza minnu fis-17 ta' Marzu, 1999 fejn insibu:

"Paul Scicluna - Ufficjal Ezekuttiv fil-Personnel Section Works Division…semma li "Dwar il-promozzjonijiet li kien applika ghalihom ir-rikorrent bejn l-1987 u 1995 nghid illi applika ghal sejha wahda biss li kienet cirkolari numru 38/92 datata 6 ta` Mejju tal-istess sena. Dwar ir-rizultat ta` din is-sejha ghandi nghid li l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd.

Din twaqqfet minhabba r-riforma fis-Settur Pubbliku li kienet sejra tigi attwata… Irrizulta wkoll li ghalkemm kienet harget applikazzjoni in segwitu tac-Cirkolari 38/92 li pero` l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd…

Illi minn dan kollu t-Tribunal ma jsib ebda ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha… Ma giex pruvat li saru xi nies ohra b'seniority anqas u bi kwalifiki anqas waqt li r-rikorrent ma sarx. Ir-rikorrent ma semma lil hadd li sar meta hu ma sarx. Ma rrizultat ebda distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita. Lanqas il-fatt li c-Cirkolari giet irtirata ma tista' titqies hekk ghax fil-fatt din zgur li ma kenitx diretta kontra r-rikorrent in partikolari. Din kienet irtirata minhabba li kienet ser tidhol ir-riforma."
Ara f'dan is-sens ukoll David Burke vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 3/11/99 u Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 9/11/99, u Genovese John vs Direttur Public Works Department 30/11/99."

Ghalhekk it-Tribunal ghall-istess raguni fuq imsemmija ma jsibx dan l-aspett tal-ilment gustifikat, u jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Jibqa' biss ghalhekk li t-Tribunal jezamina l-parti tal-ilment tar-rikorrent ghan-nuqqas ta' promozzjoni in segwitu tac-cirkolari 123/88. Hawnhekk ir-rikorrent gab 4 marki minn 15 ghall-Kwalifiki, 10 minn 30 ghal Trade Experience, 15 minn 25 ghal Trade Knowledge, 4 minn 10 ghal Departimental Knowledge u 10 minn 20 ghal Personality/Leadership b' total ta' 43 minn 100. Ir-rikorrent ma specifikax dwar liema aspett partikolari hu qieghed jilmenta u fejn skondtu ma nghatax il-marki li suppost izda illimita ruhu li jilmenta dwar il-fatt li apprentist mghallem minnu hadu l-promozzjoni aktar tard u hu ma hadhiex. Sostna wkoll li saret ingustizzja mieghu meta Dionisio Cacciattolo, Welder/Burner mar-rikorrent lahaq Chargehand filwaqt li r-rikorrent le.

It-Tribunal pero` jinsab ferm preokkupat b' dak li hemm fl-ghaxar paragrafu tac-Cirkolari 123/88 li ssemmi "the candidates will be submitted to an interview and a trade/practical test by a selection board". Ma rrizultax li fil-fatt dan it-Trade Test sar. Dan jammonta ghal irregolarita` u ingustizzja ghax ir-rikorrent saritlu biss intervista u ma

sarlux Trade Test.  Illi ghalhekk ma gietx segwita parti fundamentali mic-cirkolari tal-PSC u hawnhekk hawn manifesta l-ingustizzja li saret.  Ir-rikorrent kien 7 marki ‘l boghod milli jikkwalifika li fil-fehma tat-Tribunal setghet facilment giet affettwata minn nuqqas tat-Trade Test li suppost sar.  Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat u jilqa’ t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ Chargehand b’effett mid-data li fiha gew imlahhqa l-applikanti l-ohra in segwitu tal-applikazzjoni 123/88 u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------